FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 4 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru 5**

**Avviz numru 508/01JB**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited.**

**vs**

**Ronnie Scerri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Rayolty fl-ammont ta' Lm 51.46c (wiehed u hamsin lira u sitta u erbghin centezmi) kwantu ghal erbgha u erbghin liri Maltin u hamsa u sebghin centrezmi (Lm 44.75c) Royality u sitt liri u wiehed u sebghin centezmi (Lm6.71c) taxxa fuq il-valur mizjud dovut bil-quddiem, in konnesjoni mal-licenzja numru 8653 (dok A) rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur il-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Scerri's Coffee Bar ghall-perjodu mis-6 ta' Frar, 2001, sal- 5 ta' Frar, 2002.

Is-socjeta attrici talbet ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjlai dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' April, 2001, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut konvenuta baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil PL Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**